MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru 839/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**EMMANUELE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Emmanuele Vella ta' 49 sena, bin Vincent u Anna nee' Baldacchino, imwieled Zebbug (Malta) fit-30 ta' Dicembru 1960, residenti fi 11, Triq Abram Gatt, Zebbug, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 65161(M);

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2007, b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi

vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe certifkat tal-VRT falz, liema reat huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu id-dmir li jimpedixxi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputat Emmanuele Vella m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 42(d) u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emmanuele Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija tillibera lill-istess imputat Emmanuele Vella taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emmanuele Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------